Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,574, 21 ta' Jannar, 2026
Taqsima B

A.L. 10 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Communications (Honours) – B.Comms (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Communications (Honours) – B. Comms (Hons) – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Communications (Honours) – B. Comms (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, ippubblikati bħala Avviż Legali 317 tal-2017, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2025 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Communications (Honours) – B.Comms (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Communications (Honours) – B.Comms (Hons);

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Bachelor of Communications (Honours) – B.Comms (Hons) fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni relevanti, jekk applikabbli;

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma in Communications fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni relevanti – H.Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019."

Iż-Żieda tal-ordinament 3 mal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 3 li ġej għandu jiġi miżjud wara l-ordinament 2 tal-ordinamenti prinċipali:

"L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-Grad jingħata fil-Communications jew bħala qasam ta' studju ewlieni wieħed bl-unuri, jew f'xi waħda minn dawn l-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin:

Film and Screen Arts;
Marketing Communication; jew
Media Studies and Journalism.

(2) L-oqsma ta' studju offruti fi kwalunkwe sena partikolari jkunu ippubblikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 3 sa 10 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinamenti 3 sa 10 tal-ordinamenti prinċipali għandhom ikunu numerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 4 sa 11.

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) Il-Bord għandu jippubblika l-programm tal-istudju qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun kostrett jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu l-oqsma ta' studju u jiksbu dawk il-kretti kif indikat fil-programm ta' studju li huma qegħdin isegwu għall-Grad, diment li l-programm ta' studju jkun mfassal skont id-disposizzjonijiet relevanti tar-regolamenti prinċipali.

(2) Matul l-ewwel sena tal-Kors, l-istudenti huma meħtieġa jagħżlu l-qasam ta' speċjalizzazzjoni minn dawk speċifikati fil-paragrafu (1) tal-ordinament 3 kif indikat fil-programm ta' studju tal-Kors."